KUNSILL LOKALI - IL-MUNXAR - LOCAL COUNCIL

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**Laqgħa Nru.** 19/2016(15_06_16)

Data: 15 ta' Ġunju 2016

Ħin: 5.30 ta' filgħaxija

Post:Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

---

Preżenti: **Is-Sinjura Carmen Said** - Sindku
**Is-Sur Robert Mallia** - Viċi Sindku
**Is-Sinjorina Sonja Abela** - Kunsillier

**Is-Sinjorina Maria Masini** - Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

**Is-Sur Anthony Grech** - Segretarju Eżekuttiv

Skużati: **Is-Sur Damien Spiteri** - Kunsillier
**Is-Sur Paul Curmi** - Kunsillier

Is-Sur Damien Spiteri u s-Sur Paul Curmi avżaw li ser jiġu tard iżda wara l-laqgħa avżaw li ma laħqux għal-laqgħa.

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Ilmenti;
6. *Management Report* għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2015;
7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv;
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
9. Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;
10. Aġġornament.

---

1. **Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

**1.01** Peress li l-Minuti ntbagħtu minn xi jiem qabel, dawn ġew meħuda bħala moqrija u ġew approvati.

2. **Punti mqajma mill-Minuti**

**2.01** Ma kienx hemm punti dwar il-Minuti x'jiġu diskussi.

3. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**3.01** Is-Sindku tat rendikont tax-xogħlijiet li saru jew qed isiru fil-lokalità:
Fix-Xlendi qed jitkompla x-xogħol ta' żebgħa, *patching* fit-toroq u tikħil u tibjid.
Ix-xogħol ta' pavimentar li kellu jsir fuq il-passaġġ tax-xtajta ser isir wara li jgħaddi l-istaġun tas-sajf peress li mill-15 ta' Ġunju 2016 ma jistax isir xogħol f'żoni turistiċi. Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ddeċieda li x-xogħol jibda mill-1 ta' Novembru 2016. Il-kuntrattur u l-perit ser jiġu avżati dwar dan.
Il-bankina ta' Triq il-Munxar tlestiet u l-ħaddiema tal-Works Department qed ikaħħlu ċ-ċint ta' Triq Żgħawri. Fil-Munxar saret manutenzjoni ġenerali qabel il-festa tar-raħal.

**3.02** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li dan l-aħħar ġew iffirmati żewġ kuntratti mal-UIF rigward żewġ proġetti fix-Xlendi. Proġett li diġà sar huwa t-twaħħil ta' bankijiet u *pots* bis-siġar u l-proġett l-ieħor jikkonsisti fil-kisi biċ-ċangatura tal-passaġġ tax-Xlendi.

**3.03** Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa organizzata mill-Wasteserv rigward il-proġett ta' ġbir ta' skart organiku. Qed ikun propost li l-ġbir ta' skart organiku ser jibda mit-30 ta' Settembru 2016. Ser issir kampanja bieb bieb u ser jitqassmu *starter kits*. Qed ikun propost li kull nhar ta' Tnejn isir ġbir ta' skart organiku u ġabra oħra ta' skart imħallat, nhar ta' Tlieta jsir il-ġbir tal-borża bi skart riċiklat (borża griża), nhar ta' Erbgħa jinġabar skart organiku, nhar ta' Ħamis ma jkunx hemm ġbir ta' skart, kull nhar ta' Ġimgħa jinġabar skart organiku u kull nhar ta' Sibt jinġabar skart imħallat. Fil-każ tax-Xlendi fl-Lulju, Awwissu u Settembru jsir ġbir ta' skart imħallat it-Tlieta u l-Ħamis u nhar ta' Ħadd.

**3.04** Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mas-Sindku ta' Ta' Kerċem flimkien ma' żewġ rappreżentanti tal-Għaqda Festa Għajn Tuta fejn talbu permess sabiex jgħalqu Triq ix-Xlendi u Triq il-Munxar fit-8 ta' Lulju 2016 bejn nofsinhar neqsin kwart u nofsinhar u kwart u bejn id-9 ta' filgħaxija u d-9.30 ta' filgħaxija. Din it-talba ġiet aċċettata bil-kundizzjoni li jitpoġġa Pulizija ma' *barriers* quddiem il-Kunsill, Pulizija fit-tarf ta' Triq il-Munxar u ieħor qrib il-Knisja tax-Xlendi.

**3.05** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li għalkemm kienet ippreparata li tattendi għal-laqgħa tar-Reġjun Għawdex, ftit qabel ma kienet se tmur għal-laqgħa nqalgħetilha laqgħa oħra. Il-laqgħa tar-Reġjun Għawdex ma saritx minħabba li ma kienx hemm *quorum*.

**3.06** Is-Sindku ġiet infurmata minn uffiċjali tal-Ministeru għal Għawdex li fix-Xlendi ser jibda jkun hemm *life guard*.

## 4. Korrispondenza

**4.01** Il-Kunsill irċieva Memo 11/2016 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Servizzi tal-Għaqdiet Mużikali tal-Lokal'.

**4.02** Il-Kunsill irċieva Memo 12/2016 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Apprezzament u Ringrazzjament'.

**4.03** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward il-programm *online* ta' tagħlim u għarfien mużikali maħdum mill-Kumpanija Meludia.

**4.04** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand in-National URBACT Point fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'URBACT Implementation Networks Information Session'.

**4.05** Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tas-57 laqgħa tad-29 ta' April 2016 u l-Iskeda tal-Ħlasijiet Nru 41 u l-Minuti tal-Laqgħat Numri: 55 u 56 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

**4.06** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-'PPCD (Planning and Priorities Coordination Division) Pe-Announcement Call OP1 (Operational Programme 1) – Priority Axis 4 – *Shifting towards a low-carbon economy* u Priority Axis 5 – *Protecting our environment – investing in natural and cultural assets'*.

**4.07** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment tal-Kummerċ rigward il-'Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2016'.

**4.08** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward ir-'Rappurtar ta' ħsarat dwar dwal tat-toroq'.

**4.09** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward 'Ħtieġa ta' *Procurement Unit* – Dipartiment għall-Gvern Lokali'.

**4.10** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Cirk 27/2016 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali fejn qed titwassal l-Aġenda tal-Laqgħa għas-Sindki tas-6 u 7 ta' Mejju 2016 u l-Minuti u l-Programm tal-aħħar Laqgħa tas-Sindki tal-14 ta' Novembru 2015.

**4.11** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex fejn qed jgħaddi invit għal-'Laqgħa Preparatorja għall-Introduzzjoni tal-*Organic Bag* fir-Reġjun Għawdex'.

**4.12** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward il-proposta ta' 'Ħruġ ta' Offerti Reġjonali f'isem il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex'.

**4.13** Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-Wasteserv għall-'International Conference on Sustainable Food and Bio Waste Management'.

**4.14** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Centre for Environmental Education and Research, fl-Università ta' Malta rigward il-'World Symposium on Life Long

Learning and Sustainable Development'.

**4.15** Il-Kunsill irċieva l-lista tal-applikazzjonijiet li l-Planning Authority irċeviet għal Development Permission u għal Changes to Alignment of Roads and Buildings. Kien hemm ukoll il-lista tad-Decision Notifications for Development Permission Applications issued by the Planning Authority inkluż in-Notice of Meeting to be held in Public (Planning Board) u (Executive Council), tal-20 ta' April 2016, maħruġa mill-Planning Authority fuq it-Times of Malta.

**4.16** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward il-'Konferenza tal-Awtorità tal-Ippjanar'.

**4.17** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward il-'Proċeduri dwar Ġbir ta' Tipi ta' Skart'.

**4.18** Il-Kunsill irċieva l-lista tal-applikazzjonijiet li l-Planning Authority irċeviet għal Development Permission, għal Changes to Alignment of Roads and Buildings u għal Minor Modifications to Subsidiary Plans received by the Malta Environment and Planning Authority. Kien hemm ukoll in-Notice of Meeting to be held in Public (Planning Board) u (Executive Council) u l-lista tad-Decision Notifications for Development Permission Applications issued by the Planning Authority, tal-4 ta' Mejju 2016, maħruġa mill-Planning Authority fuq it-Times of Malta.

**4.19** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Stella Maris College Scout Group rigward il-proġett fejn ser ikunu qed iħawlu siġar f'*area* fil-lokalità fejn bħalissa ma hemmx siġar.

**4.20** Il-Kunsill irċieva l-lista tal-applikazzjonijiet li l-Planning Authority irċeviet għal Development Permission u għal Minor Modifications to Subsidiary Plans received by the Malta Environment and Planning Authority. Kien hemm ukoll in-Notice of Meeting to be held in Public (Planning Board) u (Executive Council) u l-lista tad-Decision Notifications for Development Permission Applications issued by the Planning Authority, tal-11 ta' Mejju 2016, maħruġa mill-Planning Authority fuq it-Times of Malta.

**4.21** Il-Kunsill irċieva l-lista tal-applikazzjonijiet li l-Planning Authority irċeviet għal Development Permission u l-lista tad-Decision Notifications for Development Permission Applications issued by the Planning Authority. Kien hemm ukoll in-Notice of Meeting to be held in Public (Planning Board) u (Executive Council), tat-18 ta' Mejju 2016, maħruġa mill-Planning Authority fuq it-Times of Malta.

**4.22** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari LCA Circ 31/2016 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'EDIC *events*'. Dawn l-*events* huwa 'EU Funding Capacity Building Workshop' u 'Energy Union and Climate Change Seminar'.

**4.23** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fondazzjoni Valletta 18 rigward l-attività 'L-Ikla t-Tajba'.

**4.24** Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-Malta Competition and Consumer Affairs Authority għal-laqgħa ta' diskussjoni bit-tema 'Ninvestu fin-Nies – Laqgħa mal-Klijenti', bis-suġġett diskuss huwa d-'Drittijiet tal-Konsumatur'.

**4.25** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward it-'Twaqqif tal-Gozo Regional Inspectorate'.

**4.26** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari LCA Circ 32/2016 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'CENSE (Circular Economy from North to South Europe 2020) Competition', bit-tema 'Recycling of Waste'.

**4.27** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Ragional Coordinator – Gozo tal-Valletta 18 rigward l-attività 'The Valletta Pageant of the Seas'.

**4.28** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward it-58 laqgħa ta' dan il-Kumitat.

**4.29** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 1/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Effiċjenza fil-komunikazzjoni'.

**4.30** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 2/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Permessi għall-Ħatt ta' Merkanzija minn fuq *trailers*'.

**4.31** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol rigward 'Linji Gwida dwar Saħħa u Sigurtà'.

**4.32** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward 'Laqgħa Informali f'Għawdex dwar Ksib ta' Fondi'.

**4.33** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumitat Milied f'Għawdex 2016 rigward 'Milied f'Għawdex 2016', peress li bħalissa dan il-Kumitat qed jipprepara l-programm li ser jiġi mħejji għal żmien il-Milied 2016.

**4.34** Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tat-58 laqgħa tal-10 ta' Ġunju 2016 u l-Iskeda tal-Ħlasijiet Numri: 42 u 43 u l-Minuti tal-Laqgħa Numru 57 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

**4.35** Il-Kunsill irċieva invit mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għas-*Seminar* 'Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar'.

**4.36** Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Fondazzjoni OASI għaċ-'Ċelebrazzjoni tal-25 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Fondazzjoni OASI'.

**4.37** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Planning Authority rigward 'Excavation and Demolition Works to Stop in Tourism Areas During Summer Months'.

**4.38** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Transport Malta rigward l-ingaġġ ta' Local Council Affairs Coordinator u l-impenn tagħhom għal titjib fir-relazzjoni ta' bejnhom u l-Kunsilli Lokali u sabiex iċ-ċittadini jkollhom ħajja aħjar.

**4.39** Il-Kunsill irċieva stedina mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għas-*Seminar* organizzat għall-Kunsilli Lokali u Għaqdiet mhux Governattivi (NGO's) Għawdxin fir-rigward tal-'European Mobility Week 2016'.

## 5. Ilmenti

**5.01** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sindku ta' San Lawrenz fejn qed jistieden lill-membri tal-Kunsill biex jattendu għall-esperjenza ta' suq artiġjanali f'San Lawrenz li ser isir il-Ħadd, 12 ta' Ġunju 2016.

**5.02** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarju, Kumitat Organizzattiv '1551' sabiex tingħata għotja ta' €100 lill-Kunċert li ser isir is-Sibt, 30 ta' Lulju 2016. Il-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet finanzjarji.

**5.03** Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident ta' Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar sabiex issir kaxxa biż-żebgħa safra quddiem il-*garage* tiegħu għaliex qed isir *parking* quddiem il-*garage*. Il-Kunsill ġab il-permess mingħand Transport Malta u l-kaxxa diġà saret.

**5.04** Il-Kunsill irċieva talba sabiex passaġġ fi Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi jitnaddaf mill-ħaxix u ġebel tas-sejjieħ.

**5.05** Il-Kunsill irċieva mingħand il-LESA fejn qed jitolbu rendikont ta' dawk il-punti kollha li l-Kunsill jixtieq jirrapporta lill-Aġenzija LESA sabiex din tkun tista' tassisti f'dan ir-rigward.

**5.06** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Wasteserv dwar il-proġett ta' Ġbir ta' Skart Organiku. Dan il-proġett diġà ġie msemmi f'punt 3.03.

**5.07** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Skema Dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għall-2016 – Memo 30/2015. F'din l-ittra qed issir referenza għall-applikazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi dwar l-attività Kalendarju ta' Attivitajiet 2016 fix-Xlendi. Il-Kumitat ser jingħata l-ammont ta' €2,000 għall-attivitajiet bħala *co-financing* għall-Fjakkolati (€1,000) u *Rock Bands* (€1,000). Ma' din l-ittra hemm xi kundizzjonijiet li jridu jiġu mwettqa mill-Kumitat.

**5.08** Il-Viċi Sindku qed jitlob sabiex issir *stop sign* biż-żebgħa mal-art għat-traffiku li jkun ħiereġ minn Pjazza l-Anfori għal Triq ir-Rabat, in-naħa tal-bini. Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi jaqbel iżda jrid jiġi żgurat li ssir in-naħa t-tajba.

**5.09** Il-Kunsill irċieva lment mingħand residenta fi Triq il-Kavallieri, Ix-Xlendi rigward karru tad-dgħajjes li tpoġġa ġol-ħaxix fit-tarf ta' ġewwa tat-triq. Meta niżlu fuq il-post, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv sabu li dan il-karru ma jagħtix fil-għajn għaliex mank huwa mpoġġi fuq it-tarmak. Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi kien ser imur jara jekk dan il-karru ġiex mormi hemm jew ipparkjat hemm.

**5.10** Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Triq iż-Żirżieb dwar karozza abbandunata. Il-Pulizija diġà ġew avżati dwar din iżda bħalissa ma għandhomx post fejn tiġi storjata.

**5.11** Il-Kunsill irċieva lment mingħand residenta fi Triq il-Puniċi minħabba li qed jintefa'

skart fit-triq. Hija talbet biex titnaddaf u ssir tabella mal-ħajt.

**5.12** Il-Kunsill irċieva lment mingħand sid ta' proprjetà dwar il-blokka *flats* li jisimha 'Three Hills' fi Triq it-Torri, Ix-Xlendi. Meta saret il-bankina, il-ħaddiema għattew il-*manhole covers* tad-drenaġġ u jekk ikun hemm xi ħsara ma jkunx jista' jsir ix-xogħol fuqhom. Huwa qed jitlob li jsiru l-*manhole covers* mill-ġdid.

**5.13** Il-Kunsill irċieva kopja ta' tweġiba li rċeviet persuna li toqgħod fi Triq il-Kantra mingħand Transport Malta, fejn ġiet infurmata li l-applikazzjoni għal *Reserved Parking Bay* ma ġietx milqugħa mill-Bord.

**5.14** Ġiet irreferuta *cutting* mill-gazzetta Times of Malta, il-*media release* li għamlet l-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-fondi li ser jingħataw għall-*establishments* fix-Xlendi.

**5.15** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Perit Alexander Bigeni f'isem il-proprjetarju ta' *restaurant* li qed fi Triq ir-Rabat kantuniera ma' Triq ix-Xatt, Ix-Xlendi sabiex jitpoġġew imwejjed u tinda quddiem l-istabbiliment tiegħu. Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi u s-Segretarju Eżekuttiv ser imorru fuq il-post sabiex jifhmu aħjar x'qed jintalab.

**5.16** Il-Kunsill irċieva lment li mal-faċċata tal-*boathouse* numru 12 hemm fanal imkisser u mdendel u peress li fih il-kurrent, huwa ta' periklu. Dan il-fanal diġà nqala' sabiex jitranġa.

**5.17** Il-Kunsill irċieva lment dwar *leakage* fi Triq San Pawl. Dan ġie rrapportat lill-Water Services Corporation u ġie rranġat.

**5.18** Il-Kunsill irċieva lment mingħand residenta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957 dwar tappiera tad-drenaġġ li qed tħabbat kull meta tgħaddi xi vettura. Din ġiet irrapportata u tpoġġa lasktu mad-dawra tal-*frame*.

**5.19** Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident ta' Triq ir-Ranċiż, Ix-Xlendi. Huwa qed jilmenta li hemm ħafna bibien ta' garaxxijiet li għandhom *sticker* ta' *No Parking* u fir-realtà l-garaxx ikun qed jintuża bħala *flat*. Peress li l-Kunsill ma għandux data dwar dan, il-persuna li għamlet l-ilment intalbet li meta jkollha informazzjoni dwar dan, irid jirrapporta direttament lill-Pulizija.

**5.20** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta tal-Pjazza tal-Knisja rigward in-nuqqas ta' knis. Il-Kunsill kien diġà kellem lill-uffiċjal inkarigat.

**5.21** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*General Manager* ta' District Operations Ltd. Ma' din l-*e-mail* qed jibgħat *Memorandum Agreement* bejn il-Community Work Scheme Enterprise Foundation u l-Kunsill Lokali dwar il-ħaddiem assenjat mal-Kunsill.
Dwar din il-materja, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ta direttiva sabiex għalissa ma jiġi ffirmat xejn.

**5.22** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Kevin Mompalao f'isem Joseph Spiteri fejn qed jinterpella sabiex fi żmien ġimgħa minn notifika, titħallas is-somma ta' €892.08 bħala danni minn kawża ta' inċident li ġara fl-14 ta' Mejju 2016 fi Triq San Xmun, Ix-Xlendi meta l-karozza rifset grada ta' *water culvert* fit-triq li ma

kinitx mantenuta kif suppost bil-konsegwenza li din il-grada kkawżat ħsarat sostanzjali fil-qiegħ tal-vettura. Il-Kunsill kien ser jirreferi din l-ittra lill-iżviluppatur li kien qed iqatta' l-blat u l-*culvert* sarlu ħsara bit-trakkijiet.

**5.23** Il-Kunsill irċieva Direttiva Numru 1/2016 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali) dwar Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (Electronic Public Procurement System – EPPS).

**5.24** Fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun Għawdex ġie unanimament imwaqqaf il-Gozo Regional Inspectorate. L-għan prinċipali ta' dan l-ispettorat hu li jerġa' jiġi introdott spezzjonar u assessjar tal-maġġor parti tal-mobbli u l-immobbli li jinsabu fil-lokalitajiet ta' Għawdex għad-dispożizzjoni taċ-ċittadini sabiex kemm-il darba jiġu identifikati xi mankanzi jew bżonnijiet jew saħansitra l-ħtieġa ta' xi manutenzjoni jew żamma aħjar ta' xi post jew oġġett li jinsab fil-lokalità rispettiva, dan jiġi kkomunikat lill-Kunsilli Lokali rispettivi sabiex jitranġaw ħalli jkunu jistgħu jitgawdew aħjar miċ-ċittadini u bl-aħjar mod possibbli.

**5.25** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Transport Malta rigward talba li għamlet persuna li toqgħod fi Triq il-Qroll biex isir *Reserved Parking Bay*. Qed jibagħtu formola b'rapport vojt sabiex timtela skont l-informazzjoni meħtieġa. Jekk l-Awtorità tibqa' ma tirċievi l-ebda tweġiba sad-data stabbilita, l-Awtorità tassumi li l-Kunsill ma joġġezzjonax għal din l-applikazzjoni. Jekk il-Kunsill ma jaqbilx li l-applikazzjoni għandha tintlaqa', trid tingħata raġuni sabiex il-Bord ikun jista' jasal għal deċiżjoni ġusta. Il-Kunsill ma għandux l-informazzjoni mitluba u ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

**5.26** Il-Kunsill irċieva lment mingħand persuna li għandha proprjetà fuq in-naħa ta' fuq ta' Triq il-Kantra. Huwa qed jilmenta dwar tliet karrijiet tad-dgħajjes li ġew impoġġija f'*area* fejn ma hemmx bini. Il-Kunsill kien ser jara x'jista' jsir peress li l-*area* hija privata.

**5.27** Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar dwar *wire* tal-Melita Cable li kien imdendel mal-faċċata tiegħu. Dan ġie rrapportat u tranġa.

## 6. *Management Report* għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2015

**6.01** Il-*Management Report* kif ifformulat mill-awditur intbagħat lill-membri tal-Kunsill minnxi jiem qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv ipprepara risposta u anke din intbagħtet lill-membri tal-Kunsill. Dawn ġew meħuda bħala moqrija u sar qbil li tintbagħat ir-risposta kif inhi.

## 7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv

**7.01** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qed jinħass il-bżonn li jinxtara *laptop* sabiex jintuża għall-*accounts* tal-Kunsill u jintuża għas-sistema tal-*Electronic Public Procurement System*. Dan il-*laptop* irid ikollu speċifikazzjonijiet addattati għall-użu tal-uffiċċju u ser ikun jiswa qrib il-€500. Kien hemm qbil li jinxtara.

## 8. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**8.01** Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 19/16(15_06_16).

## 9. Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**9.01** Is-Sur Robert Mallia talab lill-Kunsill sabiex il-*culverts* jitnaddfu u semma *culvert* fi Triq it-Tempju Megalitiku li huwa mimli ħaxix li kiber waħdu. Il-*culvert* li fih il-ħaxix ser jitnaddaf iżda *culverts* oħrajn ser jitnaddfu aktar ’il quddiem.

Is-Sur Robert Mallia reġa’ appella sabiex il-*bring-in-site* li hemm fid-daħla tal-Munxar jitneħħa għaliex qed jintefa’ ħafna żibel madwaru u qed jinħoloq *eyesore* fid-daħla tal-Munxar. Is-Sindku infurmatu li l-perit ġie mqabbad jipprepara pjanti ta’ *embellishment* tal-post biex qabel jitneħħa ninfurmaw lir-residenti tal-Munxar u Ix-Xlendi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Gwardjani Lokali qed jagħtu attenzjoni speċjali lil dan il-*bring-in-site*.

Is-Sur Robert Mallia staqsa fiex wasal il-proċess ta’ devoluzzjoni tat-Torri tax-Xlendi. Bħalissa l-Kunsill qed jistenna mingħand id-Direttur tal-Artijiet.

**9.02** Is-Sinjorina Sonja Abela infurmat lill-Kunsill li kienet attendiet għal *seminar* dwar il-Europe Mobility Week li ser issir bejn is-16 u 22 ta’ Settembru 2016. F’din il-ġimgħa, il-Kunsill jista’ jorganizza *bike day* u *car freeday*. Matul is-sena l-Kunsill ikun jista’ jinstalla *scanner* fit-toroq u jingħata servizz ta’ *electric car* fil-lokalità.

**9.03** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li rċeviet talba sabiex issir tabella ta’ *give way* għal dawk il-vetturi li jkunu nieżla lejn il-Wied tax-Xlendi hekk kif taqbeż Ġnien Ragalna.

## 10. Aġġornament

**10.01** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 21 ta’ Lulju 2016 fil-5.30 ta’ filgħaxija b’Aġenda li tkun ikkomunikata aktar ’il quddiem.

**10.02** Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.15 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ***Carmen Said*** | ***Anthony Grech*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 21 ta’ Lulju 2016